**Minuti tal-ħamsin (50) laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ġimgħa 26 ta' Awwissu 2016 fis-2.30pm fis-Sala tal-Kommunita'.**

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Ivan Attard | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Il-Viċi Sindku s-Sur Victor Cefai informa verbalment lis-Sindku li hu ma setax jattendi għal din il-laqgħa peress li jinsab imsiefer. Il-Kunsillier Mario Mercieca informa verbalment lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innota li, f'każijiet fejn Kunsillier ma jattendix għal-laqgħat uffiċjali tal-Kunsill, għandhom jiġu segwiti l-istruzzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz ta' Ċirkulari 17/2016. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li jaqbel ma' dan. Din iċ-ċirkulari ser tinġieb għall-attenzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill.

1. <u>Talba, Qari u Approvazzjoni tal-Minuti u punti mqajma mill-minuti</u>

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg u bdiet b'talba.

1.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 49 li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2016 ġew approvati mill-membri preżenti u iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

<u>Punti mqajma mill-minuti</u>

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

1.3 Hemm bżonn li jsir aktar xogħol ta' *patching* f'roqgħa fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri l-materjal meħtieġ u l-Kunsillier Horace Micallef ser jieħu ħsieb li x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.

1.4 Xi snin ilu, il-Kunsill Lokali tal-Fontana kien ħareġ skema li permezz tagħha numru ta' familji mil-lokalita' ibbenefikaw minn għotja ta' qsari b'xejn biex jitpoġġew fil-faċċati tad-djar. Is-Sindku qal li l-familja Farrugia ta' 8, Triq il-Għajn tixtieq tibdel il-qasrija li għandha quddiem ir-residenza tagħha. Fid-dawl ta' dan,


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

hu propona u l-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lill-familja Farrugia biex naraw x'tip ta' qasrija tixtieq filwaqt li naraw il-possibilita' li bħala Kunsill nerġgħu noħorġu skema simili intiża biex tkompli ssebbaħ il-lokalita' tagħna.

1.5 Nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu 2016, is-Sur Emmanuel Conti beda jieħu ħsieb it-tisqija ta' erbgħin qasrija li jinsabu fi Triq John Gaspard Le Marchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Dawn il-qsari qed jissaqqew nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis għal ħlas ta' € 20 fil-ġimgħa. Sa dakinhar it-tisqija kienet għadha ssir mis-Sindku nnifsu.

1.6 Kull meta jinħareġ permess mill-Kunsill lil terzi persuni biex jagħmel xogħol b'makkinarju f'xi triq fil-lokalita' tagħna u jintalbu t-tabelli tan-*no parking* biex jingħalqu t-toroq, il-Kunsill Lokali qed issellef it-tabelli li jintużaw kull meta jkun ser isir xi għeluq ta' toroq. Is-Sindku Saviour Borg ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-tabella bl-arma tal-Kunsill mhix qed titneħħa u għaldaqstant jekk isir xi inċident bihom, il-Kunsill ser ikun responsabbli. Minħabba f'hekk, huwa propona u l-Kunsill qabel li meta x-xogħol f'xi triq ikun qed isir minn individwi privati, għandha titwaħħal it-tabella tal-individwu u/jew tal-kumpanija li tkun qed twettaq ix-xogħlijiet biex hi tkun responsabbli f'każ li jiġru xi inċidenti.

1.7 Wara insistenza min-naħa tal-Kunsill, il-bozza ġdida li ġiet installata fi Trejqet Dun Ġużepp Grima ġiet mogħtija d-dawl mill-Korporazzjoni Enemalta. Is-Sindku innota li hemm bozza fi Triq is-Sajjieda, bin-numru 005/19, li ilha rappurtata bil-ħsara għal madwar xahar u għadha sal-lum ma tranġatx bil-konsegwenza li qed ikun hemm ħafna dlam fl-inħawi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser jiċċekkja mal-Enemalta rigward din il-bozza peress li l-kuntrattur informa lill-Kunsill li l-ħsara hija min-naħa tal-Enemalta.

1.8 Il-bandla tat-tfal li tinsab fil-*playing field* ta' wara l-Knisja għadha ma tranġatx peress li l-kuntrattur Mario Mallia ma tana l-ebda risposta rigward jekk nistgħux nixtru waħda ġdida mingħandu. Għaldaqstant, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nwaħħlu l-bandla ta' qabel li għadha fi stat tajjeb.

1.9 Peress li nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016 ser jingħata bidu għas-sistema l-ġdida ta' ġbir ta' skart organiku fil-lokalitajiet kollha ta' Għawdex, liema sistema ser tkun imħaddma mill-*Wasteserv*, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nippubblikaw avviż bid-dettalji tal-ġranet u l-ħinijiet li fihom ser jinġabar l-iskart. Dan l-avviż għandu jitqassam fid-djar kollha tal-Fontana matul ix-xahar ta' Settembru biex kulħadd ikun infurmat dwar kif ser taħdem is-sistema l-ġdida. Is-Sindku informa lill-Kunsill li f'dawn il-jiem, ir-residenti tal-Fontana li ma nstabux id-dar qed jirċievu avviż fi djarhom biex jiġu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill sabiex jiġbru l-kontenitur tal-iskart organiku li huma intitolati għalih.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

1.10 Hemm bżonn li jsir xogħol ta' tibjid fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill bl-iskop li jingħata dehra isbaħ u aktar akkoljenti. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-ħaddiema assenjati magħna biex jagħmlu dan ix-xogħol.

1.11 Hemm bżonn ukoll li jsir il-ħasil tal-*belvedere* li jinsab biswit l-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-ħaddiema assenjati magħna biex jagħmlu dan ix-xogħol.

1.12 Għandna niċċekkjaw ma' Transport Malta rigward it-talba li ressaq is-Sur Emmanuel Grech ta' 'Kenn Ġorġjan', Triq Ta' Mulejja, sabiex jitwalu b'metru s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tiegħu. Dan peress li din it-talba għadha ma ġietx approvata minkejja li ġiet imressqa għall-approvazzjoni fl-10 ta' Ġunju li għadda. Il-Kunsill qabel ma' dan.

1.13 Għandna nitolbu laqgħa urġenti mal-Perit Anthony Bezzina (il-perit tal-Kunsill) rigward dokumentazzjoni li kellu jlestilna għal xogħol tal-Kunsill u li sal-lum għadha mhix f'idejna. Dawn id-dokumenti jinkludu fost l-oħrajn it-*tender* tal-asfaltar ta' Triq John Gaspard Le Marchant u t-*traffic calming measures* ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Is-Sindku qal li għandna nfakkruh sabiex urġentement japplika mal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-permessi neċessarji biex inkunu nistgħu nirranġaw numru ta' sqaqien pubbliċi fil-lokalita' tagħna bil-*porfido*. Dan sabiex meta jinħarġu l-applikazzjonijiet għall-fondi tal-Programm *Leader* tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li japplika għal finanzjament biex ikun jista' jimplimenta dan il-proġett.

1.14 Irċieva suġġeriment mingħand xi residenti sabiex it-tliet *bollards* li ser jitwaħħlu fi Triq Ta' Mulejja ħdejn il-*belvedere* jkunu jinqalgħu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

1.15 Għandna bżonn nixtru żewġ *bins* għal Triq John Gaspard Le Marchant u tnejn oħra għal Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Dan anke skont kif kien diġa' deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill tal-5 ta' Mejju 2016. Il-Kunsill qabel li dawn għandna nġibu stima mingħand id-ditta Camray Limited li installat *bins* simili fiċ-Ċittadella.

2. <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

2.1 Nhar il-Ġimgħa 5 ta' Awwissu 2016, saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta fl-okkażjoni tal-festa tas-Salvatur f'Ħal-Lija. Attendew tmienja u għoxrin persuna, fosthom hu flimkien mal-Kunsillier Horace Micallef.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.2 Nhar is-Sibt 6 ta' Awwissu 2016, hu iffirma l-istatut il-ġdid tal-*Gozo Action Group Foundation* għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Fontana. Dan skont kif kien deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill tal-1 ta' Lulju li għadda.

2.3 Nhar it-Tlieta 9 ta' Awwissu 2016, hu attenda għal-laqgħa li saret fl-Oratorju Don Bosco dwar l-istrateġija tal-programm *Leader* 2014-2020, liema programm huwa iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea. F'din il-laqgħa, is-Sindku ressaq għall-attenzjoni ta' dawk preżenti l-proposta tiegħu sabiex strutturi vernakulari fil-kampanja Għawdxija jiġu restawrati.

2.4 Nhar il-Ħamis 11 ta' Awwissu 2016, hu attenda għal-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex li saret fil-Banca Giuratale, il-Belt Victoria.

2.5 Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2016, sar ix-xogħol ta' installazzjoni ta' tabella ġdida 'Merħba Fontana' sponsorjata mill-bank HSBC fi Triq ix-Xlendi, eżattament fil-bidu ta' Wied ix-Xlendi.

2.6 Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2016, saret il-manutenzjoni meħtieġa fil-*floodlights* tal-kampnar tas-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu'.

2.7 Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu 2016, il-kumpanija 'Mushroom & Mushroom Magical Ideas' organizzat sessjoni ta' *filming* fl-Għajn il-Kbira, liema *filming* ser jintuża waqt il-*Junior Eurovision Song Contest* li ser jittella' f'Malta f'Novembru li ġej.

2.8 F'Awwissu sar ix-xogħol ta' żebgħa ta' żewġ bankijiet li hemm fuq l-Għajn ta' Bendu. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

2.9 Ġie avviċinat minn xi sidien ta' ħwienet u residenti rigward l-għeluq fis-7.00am fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn minħabba xogħol li qed isir minn terzi persuni. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li l-permessi għal xogħol fil-parti ta' fuq ta' din it-triq, jiġifieri fil-parti bejn Triq il-Qalb ta' Ġesu' u Pjazza Tomba, jibdew jinħarġu biss bejn il-11.00am u s-1.30pm. Dan ser jibda jgħodd għall-ġranet kollha tas-sena b'effett immedjat. Din il-miżura għandha l-għan li twassal għal immaniġġjar aħjar tat-traffiku f'din iż-żona tal-lokalita' u anke biex tiffaċilita l-*flow* tat-traffiku fil-ġranet tal-iskola u s-servizz tal-ġbir tal-iskart.

2.10 Ġie propost li jiġu organizzati żewġ ħarġiet soċjo-kulturali f'Malta - waħda għall-festa titulari ta' Santa Katerina V.M. fiż-Żurrieq nhar is-Sibt 3 ta' Settembru u oħra għall-attivita' 'Żejt iż-Żejtun' nhar is-Sibt 24 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li dawn il-ħarġiet għandhom jiġu organizzati. Ser jiġi ippreparat l-avviż li jitqassam fir-residenzi kollha tal-Fontana mill-ħaddiema assenjati mill-Kunsill.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.11 Għandna ninfurmaw lill-Awtorita' tal-Ippjanar li Triq Santa Dminka taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Dan minħabba li qed nirċievu kopja tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp li jkun propost li jsir f'din it-triq meta din iż-żona ma taqax taħt ir-responsabbilita' tagħna. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.12 Bejn it-Tnejn 19 u l-Erbgħa 21 ta' Settembru 2016, ser nospitaw delegazzjoni ta' żewġ persuni mill-Kunsill ta' Serrone fl-Italja skont kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Din id-delegazzjoni ser tasal Malta it-Tnejn 19 ta' Settembru fit-3.30pm u titlaq lura nhar l-Erbgħa 21 ta' Settembru fil-11.30am. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta programm propost ta' attivitajiet li ser jiġu organizzati għal din id-delegazzjoni waqt iż-żjara tagħhom fil-Fontana. Fost l-oħrajn, nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru, ser issir *tour* madwar il-postijiet storiċi li għandna fil-lokalita' flimkien ma' laqgħa uffiċċjali mal-membri tal-Kunsill fis-6.30pm. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nistiednu lill-istoriku Għawdxi, Mons. Joseph Bezzina, sabiex idawwar lil din id-delegazzjoni madwar l-Għajn il-Kbira u l-Knisja Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu'. Il-Kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li għandna nistiednu lis-Sur Aaron Farrugia sabiex jattendi għal-laqgħa li ser ikollna mad-delegazzjoni barranija. Is-Sur Farrugia huwa l-persuna li beda l-kuntatti mal-Kunsill ta' Serrone bil-għan li l-Kunsill tagħna jibda diskussjonijiet bil-possibilita' li jiġi iffirmat ftehim ta' ġemellaġġ.

2.13 Rigward il-latrina pubblika li tinsab fi Triq ta' Mulejja, is-Sindku qal li matul ix-xahar ta' Awwissu, is-sitwazzjoni baqgħet l-istess jew marret għall-ħażin. F'din il-latrina, mhux qed ikun hemm *toilet paper* u l-*flushing* mhux qed jiffunzjona kif suppost. Hemm ukoll nuqqas kbir ta' indafa. Din is-sitwazzjoni ilha sejra hekk għal diversi xhur minkejja li l-Kunsill bagħat numru ta' *default notices* lill-kuntrattur Carmel Xerri biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu ittra uffiċjali lis-Sur Xerri fejn ninfurmawh li ser nibdew bil-proċess tat-terminazzjoni tal-kuntratt li hu għandu mal-Kunsill u li ser inqabbdu lil xi ħaddieħor biex jagħmel ix-xogħol ta' manutenzjoni u tindif fil-latrina pubblika a spejjeż tiegħu stess. Dan skont kif jistipula d-dokument tal-offerta (*tender*) li kien ħareġ il-Kunsill għal dan is-servizz.

*Mill-Kunsillier Horace Micallef*:

2.14 Għandna nibagħtu l-kondoljanzi tagħna lil Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fl-okkażjoni tal-mewt tan-nanna tiegħu, is-Sinjura Josephine Sant, li ġrat fit-23 ta' Awwissu 2016. Il-Kunsill qabel ma' dan.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.15 Għandna nibagħtu l-awguri tagħna lis-Sur Michael Bongailas, resident fil-Fontana, li ikklassifika fil-mitejn u tnejn u erbgħin post minn madwar elfejn post f'kompetizzjoni internazzjonali tal-isports. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3. <u>Qari tal-Korrispondenza</u>

3.1 Ittra mingħand il-Perit Clint Camilleri, *senior manager* ta' Transport Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li t-talba tagħna sabiex il-*communal disabled parking bay* ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili tiġi rilokata għall-kantuniera fl-istess triq ma ġietx aċċettata.

Is-Sindku Saviour Borg qal li fil-passat kien hemm kaxxa tal-*parking* riservata għas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill fl-istess post fejn qed nitolbu li jsir l-ispustjar tal-*communal disabled parking bay*. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu lil Transport Malta sabiex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha. F'każ li din ma tistax tiġi spustjata, il-kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-awtorizazzjoni ta' Transport Malta sabiex din il-*communal disabled parking bay* titneħħa temporanjament sakemm tittieħed id-deċiżjoni finali.

3.2 E-mail mingħand Patrick Gauci, *senior agricultural officer* fid-Direttorat tal-Agrikultura ta' Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li s-sessjoni li jmiss ta' *pigeon culling* fil-lokalita' tagħna ser issir nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu mill-4.30pm 'il quddiem fit-toroq Għajn, Kappillan Ġużepp Hili u Għajn Tuta. Diġa' ġew infurmati r-residenti ta' dawn it-toroq flimkien tal-*Gozo Pigeon Club*.

3.3 E-mail mingħand Nicholas Zammit, il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart goff fil-lokalita' tal-Fontana, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali li hu mhux qed jaċċetta li jħallas l-ispejjeż tal-avukat tal-Kunsill, Dr. Jean Paul Grech, għal servizzi ta' konsulenza b'rabta mal-każ li kellna rigward il-pagamenti tiegħu għas-servizzi offruti bejn Novembru 2015 u Marzu 2016.

Il-laqgħa ġiet sospiża fl-4.05pm sabiex il-Kunsill seta' jieħu parir mingħand l-avukat Dr. Jean Paul Grech rigward din il-kwistjoni. Wara li tkompliet il-laqgħa, il-Kunsill qabel li għandu jimxi mal-parir tal-avukat billi l-ispejjeż ta' € 125 jinqatgħu mill-garanzija bankarja u wara, is-Sur Zammit jiġi mitlub biex jerġa' jġedded il-garanzija oriġinali tiegħu (jiġifieri qabel jinqatgħu l-flus).

3.4 Direttiva numru 03/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Arranġamenti Finanzjarji bejn il-LESA, il-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.5 E-mail mingħand Antoine Zammit, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Kummerċ ta' Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li l-istess Dipartiment flimkien mal-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar għadu kemm nieda l-*Malta Innovation Awards* għas-sena 2016. Applikazzjonijiet għal dan il-premju għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mit-Tnejn 12 ta' Settembru f'nofsinhar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.6 E-mail mingħand Suzanne Bonnici, rappreżentanta tal-kumpanija *Herbal Life Nutrition*, li fiha qed tistaqsi lill-Kunsill dwar il-possibilita' li hi tibda l-klassijiet tal-*fitness* għar-residenti minn nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li dawn il-klassijiet għandhom isiru fis-Sala tal-Komunita'. Ser jitqassam avviż lir-residenti kollha.

3.7 Ċirkulari Numru 11/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Inizjattiva Finanzjarja – Espressjoni ta' Interess għall-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilita' (l-aħħar sejħa)'. Kumitati Reġjonali u Kunsilli Lokali għandhom jesprimu l-interess tagħhom billi jibagħtu l-formola ta' reġistrazzjoni lid-Dipartiment sa mhux aktar tard mill-Ħamis 15 ta' Settembru. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna napplikaw biex nimpjegaw skrivan fuq bażi *part-time* taħt din l-iskema.

3.8 Ċirkulari Numru 12/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Petizzjonijiet dwar Kontravenzjonijiet'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.9 Ċirkulari Numru 13/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Skart tal-WEEE trasferit fis-*Civic Amenity Sites*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.10 Ċirkulari Numru 14/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Procurement Policy Notes'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.11 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jitlob lill-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex jgħaddulu l-ammont ta' flus dovuti lilhom mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għal xogħlijiet ta' *trenching* fil-lokalita'. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja jekk hemmx *records* fl-uffiċċju tal-Kunsill li juru meta saru x-xogħlijiet imsemmija.

3.12 Ċirkulari Numru 15/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid u l-importanza li jkun hemm *handover* u *audit*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.13 E-mail mingħand Denise Grech, *managing director* tal-kumpanija *Hard Rocks Business Park*, li fiha qed tistieden rappreżentanza mill-Kunsill sabiex tattendi għal laqgħa bit-tema 'Dogs in Your Community' li ser issir nhar il-Ġimgħa 2 ta'


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Settembru fis-7.30pm fil-Hard Rocks Business Park, in-Naxxar Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.14 E-mail mingħand il-kumpanija *Wasteserv* li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali Maltin u Għawdxin li, għas-seba' sena konsekuttiva, ser tkun qed tipparteċipa fil-*European Week for Waste Reduction* li ser tinżamm bejn id-19 u s-27 ta' Novembru 2016. It-tema għal din is-sena ser tkun 'Packaging Waste'. Ir-reġistrazzjoni tiftaħ fl-1 ta' Settembru u tagħlaq fit-18 ta' Ottubru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.15 Ċirkulari Numru 16/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv'. F'din iċ-ċirkulari, id-Dipartiment qed jeżiġi li kull Kunsill Lokali jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv li jkun jista' jaġixxi meta s-Segretarju Eżekuttiv ikun assenti minħabba raġunijiet ta' safar jew mard fit-tul. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

3.16 Ċirkulari Numru 17/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsillieri'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.17 E-mail mingħand Adrian Mifsud, Direttur tal-Gvern Lokali, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex fil-laqgħa tal-lum japprova l-ħarġa tas-sejħa għal Segretarju Eżekuttiv ġdid. Fin-nuqqas ta' dan, is-Sur Mifsud informa lill-Kunsill li d-Dipartiment ser jaħtar Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv li jidhirlu hu (*full time* jew *part time*) u dan sakemm il-Kunsill jaħtar Segretarju Eżekuttiv ġdid. Id-Direttur infurmana li skont il-Liġi tal-Kunsilli Lokali, peress li l-popolazzjoni tal-Fontana hija ta' anqas minn elfejn ruħ, jista' jiġi impjegat Segretarju Eżekuttiv *part time*.

Is-Sindku propona li għandna noħorġu s-sejħa biex nimpjegaw Segretarju Eżekuttiv fuq bażi *part-time*. Il-kunsillier Horace Micallef ma qabilx u qal li biex il-Kunsill ikun jista' jiffunzjona bl-aħjar mod possibbli, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġi impjegat fuq bażi *full-time*. Is-Sindku qal li, ġaladarba x-xogħol tal-Kunsill jinsab miexi b'ritmu tajjeb minkejja li bħalissa għandna biss Aġent Segretarju Eżekuttiv, ma jidhirlux li għandna nimpjegaw Segretarju fuq bażi *full-time*. Barra minn hekk, f'Novembru li għadda ġie ingaġġat skrivan fuq bażi *full time* u għaldaqstant ċertu xogħol li qabel kien isir mis-Segretarju Eżekuttiv, issa qed isir ukoll minn dan l-impjegat. F'każ li jiġi impjegat Segretarju Eżekuttiv *full time,* is-Sindku innota li madwar nofs l-allokazzjoni finanzjarja annwali tal-Kunsill trid tiġi ivvutata għas-salarji tal-ħaddiema, l-onorarja tas-Sindku, l-allowance tal-Kunsilliera u l-ħlas tal-*accountant*. B'hekk ma jibqax fondi biżżejjed biex timplimenta proġett għall-benefiċċju tal-lokalita'.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Peress li ma kienx hemm qbil dwar din il-materja, ittieħed vot. B'żewġ voti favur (Sindku Saviour Borg u Kunsillier Carmel Farrugia) u wieħed kontra (Kunsillier Horace Micallef), il-Kunsill iddeċieda li għandna noħorġu sejħa biex nimpjegaw Segretarju Eżekuttiv fuq bażi *part-time*.

4. Ilmenti mir-residenti:

4.1 Ilmenti mingħand Ewkaristiku Mintoff, Ismael Sultana, Christopher Farrugia, Jayne Farrugia, Antoinette Mercieca, John Cordina, John Galea u Teresa Attard, ilkoll residenti fi Triq l-Isptar San Ġiljan, rigward is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li ġew miżjuda fl-istess triq nhar it-Tlieta 9 ta' Awwissu 2016.

Dawn ir-residenti ressqu l-ilment tagħhom għall-fatt li dawn il-linji qed jieħdu żewġ jew tliet spazji ta' parkeġġ mingħajr bżonn u jistgħu joħolqu inkonvenjent kbir għar-residenti tal-Fontana u iżjed għar-residenti tal-istess triq. Ir-residenti qed jitolbu li s-sinjali li ġew miżbugħa mill-ġdid jiġu mneħħija immedjatament.

Il-Kunsill innota li hu qatt ma kien infurmat u qatt ma ta l-approvazzjoni tiegħu sabiex jiżdiedu dawn is-sinjali u milli jidher, lanqas kien hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex dan isir. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nitolbu l-awtorizazzjoni ta' Transport Malta sabiex jerġgħu jitwaħħlu t-tabelli tal-ħin u tan-*no parking* kif kienu qabel fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Għandna niċċekkjaw ukoll jekk hemmx permess ta' Transport Malta għall-mera li twaħħlet f'din it-triq minkejja li mhix ser tintuża minn vetturi.

4.2 Talba mingħand Marlon Micallef ta' 'Sardinella', Triq l-Isptar San Ġiljan, li fiha qed jitlob li jsiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

5. Approvazzjoni tal-pagamenti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill il-lista ta' pagamenti biex jiġu approvati f'din il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel unanimament li:

(a) Il-pagamenti lill-kumpanija MED Developments, Designers & Construction Limited rigward l-istima li ġew imħejjija għax-xogħol ta' *patching* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, ir-*resurfacing* ta' Triq il-Għajn u ir-*resurfacing* ta' Triq John Gaspard Le Marchant għandhom jiġu temporanjament sospiżi sakemm jiġu iċċekkjati t-termini u l-kundizzjonijiet tad-dokument tal-offerta pubblika (tender); u


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

(b) Il-pagamenti tas-Sur Carmel Xerri għas-servizz ta' manutenzjoni u tindif tal-latrina pubblika fi Triq Ta' Mulejja għax-xhur bejn Mejju u Awwissu 2016 għandhom jitnaqqsulhom 5% minnhom minħabba li ntbagħtu numru ta' *default notices* lil dan il-kuntrattur u x-xogħol mitlub baqa' qatt ma sar. Dan skont kif jistipula d-dokument tal-offerta (*tender*) li ħareġ il-Kunsill għal dan is-servizz.

Rigward il-pagament lill-kumpanija GO plc għas-servizz tal-linja tal-*fax* fl-uffiċċju tal-Kunsill, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li din il-linja għandha tiġi mneħħija sakemm mhix amalgamata mas-sistema tal-*wi-fi* b'xejn li jipprovdi l-Kunsill. Ser niċċekkjaw dwar dan.

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti l-oħra u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

6. <u>Aġġornament</u>

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016 fit-3.00pm fis-Sala tal-Kommunita' b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Saviour Borg | Ivan Attard |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555